



Brussell, 20 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5149/21

LIMITE

CFSP/PESC 12
COPS 4
CLIMA 5
DEVGEN 2
ENV 12
ONU 2
RELEX 6

NOTA

minn:	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija - It-twettiq tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew

- 1) Fil-laqgħa tiegħu fl-20 ta' Jannar 2021, il-KPS iddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija dwar il-klima u l-enerġija, kif jinsab fid-dokument WK 753/21, u ma setax jilħaq qbil dwar il-kwistjonijiet pendenti, b'mod partikolari fil-paragrafi 10 u 12.
- 2) Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'hekk mistieden jilħaq qbil dwar il-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill lill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fil-25 ta' Jannar 2021 għal approvazzjoni.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

DIPLOMAZIJA DWAR IL-KLIMA U L-ENERĠIJA - IT-TWETTIO TAD-DIMENSJONI
ESTERNA TAL-PATT EKOLOĠIKU EWROPEW

1. It-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanità. L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) madwar id-dinja għadhom fuq perkors mhux sostenibbli minkejja t-tnaqqis fl-emissjonijiet fuq perijodu qasir minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. L-azzjoni globali dwar il-klima għadha ma laħqitx dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u b'hekk l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-UE qed turi tmexxija u qed tagħti eżempju: filwaqt li hija ggwidata mix-xjenza, żiedet l-impenji domestiċi tagħha, filwaqt li adottat l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 u saħħet il-mira li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fuq perijodu qasir, u b'hekk il-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-UE, għal mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-1990. L-UE ser timplimenta l-għanijiet ambizzjużi tagħha permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Madankollu, peress li l-UE tirrappreżenta sehem, li qed jonqos, ta' 8 % tal-emissjonijiet globali, politika interna ambizzjuża mhux ser tkun biżżejjed. Il-Kunsill jappella għal azzjoni globali urġenti, kollettiva u deċiżiva biex tinżamm iż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jsiru sforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura sa 1,5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali b'rispons għall-emerġenza klimatika, u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, id-diplomazija tal-UE dwar il-klima u dik dwar l-enerġija biex tintlaħaq it-tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li jiżguraw ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE stess f'ambjent ġeopolitiku u ta' sigurtà li qed jinbidel.
2. Il-Ftehim ta' Pariġi jipprovdi l-qafas multilaterali indispensabbli li jirregola l-azzjoni globali dwar il-klima. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex itejbu l-ambizzjoni u jżidu ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDCs tagħhom, kif ukoll biex jikkomunikaw Strateġiji fit-Tul għal Żvilupp b'Emissjonijiet Baxxi ferm qabel is-26 Konferenza tal-Partijiet (COP26) fi Glasgow f'Novembru 2021.

3. L-UE tilqa' l-impenji reċenti dwar in-newtralità klimatika għal nofs is-seklu kif ukoll dawk dwar in-newtralità tal-karbonju, b'mod partikolari minn ekonomiji ewlenin, u l-wegħdiet li saru fis-Summit reċenti dwar l-Ambizzjoni Klimatika 2020 organizzat min-Nazzjonijiet Uniti, Franza u r-Renju Unit, fi sħubija mal-Italja u ċ-Ċili. L-UE tappella lill-pajjiżi kollha biex jiżviluppaw mogħdijiet, miri u politiki ambizzjużi u dettaljati fuq perijodu qasir u medju li jallinjaw mal-għanijiet fit-tul tagħhom bħala mod kif jipprovdu sinjali ċari liċ-ċittadini, l-atturi politiċi u n-negozji. L-UE tteġġegħ lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ukoll il-promozzjoni kummerċjali, il-finanzjament, l-għajnuna u l-istrateġiji ta' investiment barrani tagħhom mal-wegħdiet klimatiċi domestiċi tagħhom u l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, u biex jistabbilixxu politiki ta' rkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 li jkunu sostenibbli u sensitivi għall-klima bħala element importanti ta' strateġija ta' tkabbir sostenibbli u investiment immedjat fi tranżizzjoni reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inklużiva u ġusta. L-UE ser tappoġġa l-implimentazzjoni ta' strateġiji fit-tul u NDCs u tilqa' l-ħidma ta' inizjattivi rilevanti, bħas-sħubija tal-NDC. L-UE ser taħdem, bħala kwistjoni prijoritarja, ma' ekonomiji tal-G20 li mhumiex fl-UE u ma' ekonomiji ewlenin oħra fuq sforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u hija lesta li tingħaqad f'alleanzi u sħubiji ta' ambizzjoni għolja u ta' livell għoli. F'dan il-kuntest, l-UE tenfasizza l-ħtieġa ta' ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi minn dawk kollha li għadhom ma għamlux dan, u tilqa' l-intenzjoni ddikjarata tal-Amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti li jerġgħu jingħaqdu mal-Ftehim ta' Pariġi u li jħejju NDC ambizzjuż aġġornat fit-triq lejn in-newtralità klimatika, u tistenna b'interess li tagħti haġja ġdida lill-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti b'enfasi akbar fuq it-tranżizzjoni enerġetika u l-azzjoni dwar il-klima.

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, inkluż it-telf tal-bijodiversità u tal-foresti, huma theddida għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali, isaħħu r-riskji ta' diżastri u pressjonijiet fuq l-ekosistemi, joħolqu sfidi għas-sigurtà tal-ikel u tal-ilma, jipprovokaw konflitti lokali u reġjonali filwaqt li jaggravaw ir-riskju tal-ispostament tal-persuni, u b'hekk jikkostitwixxu mutur ewlieni tal-ħtiġijiet umanitarji u jheddu t-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem. L-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma kwistjoni prijoritarja, u f'xi każijiet sopravivenza, speċjalment għal komunitajiet u pajjiżi fraġli u vulnerabbli, inkluż Stati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw u Pajjiżi l-Anqas Żviluppati. L-UE ser tkompli tappoġġa lil dawk l-aktar fil-bżonn, filwaqt li tftitex li tillimita u timmaniġġja r-riskju ta' aktar telf u degradazzjoni permezz ta' appoġġ għall-politika, finanzjament u skambju tal-aħjar Prattiki, biex tippromwovi, fost l-oħrajn, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. L-UE tilqa', f'dan ir-rigward, is-Summit dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima tal-2021 ospitat min-Netherlands. Il-politika estera u ta' sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri ser tikkunsidra sistematikament il-fatturi u r-riskji klimatiċi u ambjentali, u ser taħdem mas-sħab, inkluż in-NU, biex tiżviluppa miżuri ta' prevenzjoni ta' konflitti, bħal sistemi ta' twissija bikrija u tappoġġa strumenti internazzjonali rilevanti, bħall-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi integrata l-ħidma dwar ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà, b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet tan-NU, inkluż il-ħidma ma' organizzazzjonijiet reġjonali u fi ħdan il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, partikolarment mal-grupp ta' esperti informali l-ġdid tal-Istati Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Klima u s-Sigurtà li l-Irlanda qed tikkopresiedi fl-2021, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, abbażi tad-dibattitu dedikat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' Lulju 2020 u l-Mekkaniżmu ta' Sigurtà tal-Klima filwaqt li fejn adatt, tiġi integrata l-kwistjoni fir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

5. Il-Kunsill itenni l-importanza li l-kwistjonijiet ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom għas-sigurtà u d-difiża, u jilqa' l-*Climate Change and Defence Roadmap: EU Actions addressing the links between climate change and defence, including in the context of the Common Security and Defence Policy (Azzjonijiet tal-UE li jindirizzaw ir-rabtiet bejn it-tibdil fil-klima u d-difiża, inkluż fil-kuntest tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni)*, li jikkontribwixxi għar-rabta usa' bejn il-klima u s-sigurtà. Filwaqt li tinżamm l-effettività operazzjonali bħala prinċipju gwida, il-Kunsill jistieden lis-servizzi rilevanti biex imexxu 'l quddiem, b' appoġġ għal u f' kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-azzjonijiet identifikati fil-pjan direzzjonali fl-oqsma ewlenin tad-dimensjoni operazzjonali, l-iżvilupp tal-kapaċità ċivili u militari, u l-multilateraliżmu u s-sħubiji, inkluż l-indirizzar tal-isfidi teknoloġiċi kif ukoll il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart. Jeħtieġ li jiġu esplorati opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u sħubiji multilaterali, bħas-sistema tanNU, in-NATO, l-OSKE u l-Unjoni Afrikana, kif ukoll ma' pajjiżi sħab f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-UE u b'rispett sħiħ għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.
6. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw l-impenn kontinwu tagħhom biex iżidu aktar il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt, mill-2020 u sal-2025, jimmobilizzaw 100 biljun dollaru Amerikan fis-sena. Il-Kunsill jinnota, f'dan il-kuntest, li l-UE diġà hija l-akbar kontributor tal-finanzjament pubbliku għall-klima, wara li rdoppjat l-kontribuzzjoni mill-2013 għal EUR 23.2 biljun fl-2019, filwaqt li kompliet talloka sehem akbar u sinifikanti tal-istrumenti ta' finanzjament estern tagħha għall-oqsma rilevanti tal-azzjoni dwar il-klima, b'mod partikolari permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha jħeġġu lill-pajjiżi żviluppati kollha, u partijiet oħra f'pożizzjoni li jagħmlu dan, inkluż Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u banek għall-iżvilupp, biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom stess, filwaqt li jissottolinjaw l-importanza ta' aktar finanzjament għall-adattament, u trasparenza fl-implimentazzjoni u l-valutazzjoni kontinwa tal-effettività tal-finanzjament ipprovdut. F'dan il-kuntest, l-UE tinnota s-sitwazzjoni diffiċli li jiffaċċjaw bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw li ser ikunu jeħtieġu li jżidu r-reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jħabbtu wiċċhom mad-dejn.

7. Il-Kunsill jinnota r-rwol importanti ħafna ta' prattiki ta' finanzjament sostenibbli biex imexxu t-tranżizzjoni ekonomika u enerġetika lejn in-newtralità klimatika u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. L-UE ser tappoġġa l-adozzjoni globali ta' tali prattiki u tippromwovi koerenza mat-Tassonomija tal-UE għal Attivitàjiet Sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli, sabiex tevita lock-ins teknoloġiċi mhux sostenibbli u assi mhux rekuperabbli, u tilqa' inizjattivi rilevanti bħall-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinkoraġġixxu l-allinjament tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inkluż il-banek għall-iżvilupp, mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jibnu fuq l-eżempju tal-Politika Dwar is-Self fis-Settur tal-Enerġija u l-Pjan Direzzjonali dwar il-Klima tal-Bank Ewropew tal-Investment bil-ħsieb li jappoġġaw lill-pajjiżi biex isegwu rkupru ekoloġiku, u jimmobilizzaw l-investment privat sostenibbli. L-UE tinkoraġġixxi wkoll sistemi ta' finanzjament tal-esportazzjoni ta' sħab biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.
8. Il-Kunsill jistenna b'interess proposta tal-Kummissjoni għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-politiki tal-UE u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO. L-UE tinnota l-valur tal-iżvilupp ta' swieq tal-karbonju nazzjonali u internazzjonali, bħala għodda għal tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra.
9. It-tranżizzjoni tas-settur tal-enerġija, responsabbli għal aktar minn żewġ terzi tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra, hija ċentrali għat-triq lejn in-newtralità klimatika. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser timmira – bħala l-għan primarju tagħha – li taċċellera t-tranżizzjoni globali, filwaqt li tiżgura l-affordabbiltà, tissalvagwardja l-ambjent u tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Għal dan il-għan, fid-dawl tal-ħtieġa ta' bidla rapida lejn in-newtralità klimatika, id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija, l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sikuri u sostenibbli, iż-żieda fl-użu u l-integrazzjoni tas-sistema – inkluż permezz ta' żieda fl-interkonnessjonijiet – tal-enerġija rinnovabbli, u l-ogħla standards ambjentali, tas-sikurezza nukleari u tat-trasparenza. Il-Kunsill jappella wkoll għal aktar approfondiment tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-idroġenu, biex jissaħħu l-isforzi għall-produzzjoni u l-importazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari.

10. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tiskoraġġixxi l-investimenti ulterjuri kollha fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwil fossili f'pajjiżi terzi, sakemm ma jkunux kompletament konsistenti ma' triq ambizzjuża u definita b'mod ċar lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-aħjar xjenza disponibbli. [L-UE tappella għal eliminazzjoni gradwali globali tas-sussidji għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent tul skeda ta' żmien ċara, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa għal innovazzjoni u żvilupp teknoloġiċi, u trasformazzjoni dinjija deċiża u ġusta lejn in-newtralità klimatika, inkluż l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam fil-produzzjoni tal-enerġija bla waqfien madwar id-dinja u – bħala l-ewwel pass – tmiem immedjat tal-finanzjament kollu ta' infrastruttura ġdida tal-faħam f'pajjiżi terzi. L-UE ser tagħti appoġġ u kontribut għall-iżvilupp ta' inizjattivi internazzjonali biex jitwettqu, u jiġu enfasizzati, l-opportunitajiet ekonomiċi ta' tranżizzjoni ġusta mill-użu bla waqfien tal-faħam lejn in-newtralità klimatika, billi tinvolvi ruħha b'mod partikolari fil-kampanja ta' tranżizzjoni enerġetika tal-Presidenza tal-COP 26 u tesplora l-possibbiltà ta' aktar diskussjonijiet ta' livell għoli fid-dawl tas-summits globali li ġejjin.] L-UE ser tappoġġa l-isforzi internazzjonali biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-infrastruttura eżistenti tal-fjuwils fossili, inkluż l-emissjonijiet ta' gassijiet mhux CO₂, bħall-karbonju iswed. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jittaffa l-impatt tat-tibdil fil-klima fir-reġjun tal-Artiku, li huwa partikolarment affettwat. Barra minn hekk, l-UE ser issegwi, bħala prijorità, inizjattivi internazzjonali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan f'konformità mal-Istrateġija reċenti tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, filwaqt li tibni fuq il-kapaċitajiet eċċezzjonali tal-UE għall-osservazzjoni tal-ispazju, tiffoka fuq sħubiji internazzjonali, u tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fl-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan sabiex jissaħħu l-kejl, ir-rappurtar u l-verifika globali.

11. Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-tranżizzjoni enerġetika, segwita bil-pass meħtieġ, ser ikollha impatt sinifikanti globalment fuq is-soċjetajiet, l-ekonomiji u l-ġeopolitika, filwaqt li tittrasforma x-xejriet ekonomiċi u kummerċjali eżistenti. Filwaqt li t-tranżizzjoni hija opportunità għal bidla lejn tkabbir sostenibbli, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda, u fl-aħħar mill-aħħar ser tkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi kollha, tista' – fuq perijodu medju – ikollha impatti negattivi fuq xi wħud, b'mod partikolari dawk dipendenti fuq l-esportazzjoni tal-fjuwils fossili, inkluż fil-viċinat usa' tal-UE. Il-politika barranija u l-azzjoni esterna tal-UE u tal-Istati Membri ser ikollhom jantici paw tali sfidi ġeopolitiċi u ta' sigurtà, billi jippromwovu kif ukoll jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjanijiet ekonomiċi u ta' diversifikazzjoni tal-enerġija soċjalment ġusti, u jipprovdu, fejn meħtieġ, appoġġ immirat lil dawk l-aktar affettwati sabiex jappoġġaw it-trasformazzjoni tal-ekonomiji tagħhom. L-UE ser taqsam l-esperjenza tagħha tal-kisba ta' tranżizzjoni enerġetika soċjalment ġusta u inklużiva li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, inkluż permezz ta' għodod bħall-Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni, li jappoġġaw il-komunitajiet affettwati mill-bidla mill-faħam, u l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta.

12. [Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija għandha rwol ewlieni fiż-żamma u t-tiġid tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija tal-UE u tas-sħab tagħna. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-natura tas-sigurtà tal-enerġija qed tevolve minn tħassib dwar l-aċċess għall-fjuwils fossili bi prezzijiet affordabbli li jinkisbu minn swieq volatili, lejn il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess għall-materja prima u t-teknoloġiji kritiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika filwaqt li jiġu evitati dipendenzi ġodda, kif ukoll jiġu żgurati ktajjen tal-provvista reżiljenti, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni u l-adattament għall-klima ta' kulħadd, u b'mod partikolari, l-infrastruttura "kritika". Fit-triq lejn dinja dekarbonizzata, id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser taħdem għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija billi tippromwovi swieq globali miftuħa, trasparenti, regolati tajjeb, likwidi u bbażati fuq ir-regoli li jiżguraw diversità ta' fornituri u sorsi, u tippromwovi l-użu tal-Euro fil-kummerċ tal-enerġija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill fakkar li fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 il-Kunsill Ewropew qabel li l-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2020, "Irkupru li jimbotta t-tranżizzjoni lejn Industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva", il-Kunsill fakkar li dan jinkludi l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u ż-żieda tar-reżiljenza fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi u oqsma speċifiċi bħal, fost l-oħrajn, l-enerġija. F'dan il-kuntest, l-UE ser issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab sabiex tissalvagwardja l-valuri u l-interessi tagħha. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tas-sikurezza nukleari, u l-investigazzjoni li għaddejja mill-Kummissjoni ta' miżuri possibbli li jipprevjenu l-importazzjonijiet tal-elettriku kummerċjali minn faċilitajiet nukleari ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-livelli ta' sikurezza rikonoxxuti tal-UE.]

13. L-UE ser tiżgura li l-politika kummerċjali u l-ftehimiet kummerċjali tagħha jkunu konsistenti mal-ambizzjoni klimatika tagħha. Il-Kunsill jagħraf li l-Kummissjoni pproponiet, permezz tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' Diċembru 2019, li tagħmel ir-rispett tal-Ftehim ta' Pariġi element essenzjali tal-ftehimiet kummerċjali komprensivi kollha fil-futur. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-kuntest tad-WTO biex tiżgura li r-regoli kummerċjali multilaterali jappoġġaw it-tranżizzjoni globali lejn ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti. L-UE ser tfittex li tiżgura kummerċ u investiment mingħajr xkiel għan-negozji tal-UE f'pajjiżi terzi, kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u aċċess għust għar-riżorsi u t-teknoloġiji ekoloġiċi, filwaqt li tinnotta r-rwol importanti tal-alleanzi industrijali. Sabiex tiġi żgurata t-tmexxija teknoloġika ekoloġika tal-UE, l-azzjoni esterna tal-UE ser taħdem għal sħubiji strateġiċi bilaterali ta' riċerka ma' dawk li huma ta' quddiem nett fit-teknoloġija u kooperazzjoni permezz ta' fora globali bħall-Missjoni Innovazzjoni u l-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa, filwaqt li tappoġġa l-użu tal-istandards tal-enerġija tal-UE globalment.

14. L-UE ser tuża l-istrumenti u l-opzjonijiet kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tiddefendi l-interessi tagħha, inkluż is-sovranià u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri biex jiżviluppaw ir-riżorsi naturali tagħhom f'konformità mad-dritt internazzjonali, u tissalvagwardja l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri li jieħdu deċiżjonijiet sovrani fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija, filwaqt li jirrifjutaw l-interferenza ta' pajjiżi terzi u l-koerċizzjoni ekonomika, u filwaqt li jkollhom l-għan li jiksbu użu aktar effettiv u koordinat ta' miżuri restrittivi. Il-Kunsill ifakkar li l-investment dirett barrani fl-infrastruttura tal-enerġija tal-UE jeħtieġ li jirrispetta l-integrità tas-suq intern tal-UE u ma għandux idgħajjef is-sigurtà, l-interessi strateġiċi u l-għanijiet tal-azzjoni dwar il-klima tal-UE. Id-diplomazija tal-UE ser iżżid l-isforzi biex tiġġieled kampanji ta' diżinformazzjoni kontra t-tranżizzjoni enerġetika, fl-UE u globalment. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-użu tal-acquis, ir-regoli u l-istandards tal-enerġija tal-UE, kif ukoll aktar integrazzjoni u interkonnnettività tas-suq tal-enerġija f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari fil-viċinat tal-UE, inkluż fil-Lvant tal-Mediterran. L-UE ser tappoġġa l-ambizzjonijiet u l-isforzi tal-pajjiżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Balkani tal-Punent u s-Sħubija tal-Lvant fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali, klimatiċi u tal-enerġija. Il-Kunsill jilqa', f'dan il-kuntest, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020 u d-Dikjarazzjoni dwar l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent filwaqt li jistenna bil-ħerqa l-komunikazzjoni dwar sħubija mġedda għall-Viċinat tan-Nofsinhar, f'konformità mad-dimensjoni internazzjonali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li l-proċess ta' emenda għat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija jitlesta malajr kemm jista' jkun.

15. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' strutturi multilaterali effettivi u mekkaniżmi ta' governanza li jappoġġaw id-diplomaziji tal-UE dwar il-klima u l-enerġija u jinnota l-funzjoni ta' tmexxija tal-G7 u l-G20, filwaqt li jilqa' l-pjanijiet tar-Renju Unit u tal-Italja – anke bħala koospitanti tal-COP 26 – biex jagħmlu l-azzjoni dwar il-klima u t-tranżizzjoni enerġetika temi ċentrali tal-presidenzi tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' konklużjonijiet ambizzjużi fil-Laqgħa Ministerjali konġunta tal-G20 dwar il-Klima u l-Enerġija bħala kontribut għas-Summit tal-Mexxejja tal-G20 f'Ruma f'Ottubru 2021. Id-diplomazija tal-UE dwar l-enerġija ser tappoġġa l-proċessi ta' riforma u modernizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet, korpi u inizjattivi internazzjonali tal-enerġija bil-ħsieb li tiġi xprunata tranżizzjoni enerġetika globali inklużiva fallinjament mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa urġenti għal progress fin-negozjati għall-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. L-UE ser issaħħaħ l-isforzi biex tiżgura rappreżentanza adegwata tal-UE fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet multilaterali bħal dawn, timmira li tnaqqas il-frammentazzjoni tal-approċċi, u tappoġġa sejħiet għal analiżijiet u xenarji biex jiġi massimizzat il-kontribut tagħhom għall-għanijiet tan-newtralità klimatika. L-UE tilqa' l-inizjattiva f'waqtha tal-Assemblea Ġenerali tan-NU biex torganizza Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Enerġija fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern f'Settembru 2021.
16. L-aċċess universali għal enerġija sikura, sigura, sostenibbli u affordabbli jibqa' fundamentali għall-qerda tal-faqar u essenzjali għat-twettiq tal-Aġenda 2030. L-UE ser tkompli tindirizza l-faqar enerġetiku, filwaqt li tibni, fejn possibbli, fuq l-approċċ ta' Tim Ewropa, f'konformità mal-għanijiet tal-klima u t-tranżizzjoni enerġetika u l-modalitajiet stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija u l-Iżvilupp (2018). Bħala azzjoni ta' prijorità, l-UE ser taħdem mas-sħab Afrikani f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika" u tiżviluppa approċċ strateġiku u kkoordinat dwar is-sħubija fl-enerġija mal-Afrika, filwaqt li tniedi Inizjattiva għall-Enerġija Ekoloġika bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE, li għandha tappoġġa l-ambizzjoni ta' aċċess universali għall-enerġija sostenibbli għall-Afrika; ser tniedi wkoll l-inizjattiva "NaturAfrica" biex tippromwovi l-konservazzjoni tan-natura, tagħti spinta lill-opportunitajiet ta' xogħol u tgħin biex jiġi indirizzat l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali u t-telf tal-biodiversità fl-Afrika. L-UE ser tikkontribwixxi wkoll għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva "Great Green Wall".

17. Il-kisba b'mod koerenti tal-għanijiet tal-politika esterna fl-oqsma settorjali rilevanti kollha hija kruċjali għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kunsill jinnota, b'mod partikolari, ir-rabtiet intrinseki bejn l-azzjoni internazzjonali dwar il-klima u l-ambjent. Filwaqt li jqis li l-estrazzjoni u l-ipproċessar globali tar-riżorsi, inkluż l-enerġija, huma responsabbli għal nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u aktar minn 90 % tat-telf tal-bijodiversità, il-Kunsill jappella għal sforzi mgeċċa biex jiġu limitati l-emissjonijiet f'dawn is-setturi permezz ta' politika jew innovazzjoni f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Bħala l-eżitu tal-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-UE tappella wkoll għal qafas tal-bijodiversità globali ambizzjuż għal wara l-2020 bil-għan li jitrażżan u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità. Il-Kunsill jinnota b'mod partikolari li t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-oċeani u tal-ilma ħelu, id-deforestazzjoni u t-telf tal-bijodiversità huma marbutin flimkien b'mod qawwi. L-UE u l-Istati Membri ser jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'urġenza, u jfakkru fil-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib u sinerġiji dwar kwistjonijiet relatati mal-bijodiversità, l-oċeani u l-klima fost l-inizjattivi u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU u ma' proċessi internazzjonali u reġjonali oħra. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' approċċ komprensiv dwar l-isfidi relatati mal-ilma, inkluż sinerġiji bejn id-diplomazija dwar il-klima, l-enerġija u l-ilma. Il-Kunsill jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Alleanza Globali għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Effiċjenza tar-Riżorsi, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u għat-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità.
18. L-UE u l-Istati Membri ser jimplementaw dawn il-konklużjonijiet billi jkomplu jsegwu approċċi mfassla apposta f'konformità mal-konklużjonijiet l-aktar reċenti tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima (2020). Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex iħejju, sa tmiem l-2021, strateġija ġdida dwar l-impenn internazzjonali fil-qasam tal-enerġija, f'konformità mal-għanijiet stipulati hawn fuq u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet ta' reġjuni u pajjiżi partikolari filwaqt li jrawmu sħubiji tal-enerġija, u jiżviluppaw kooperazzjoni reġjonali fl-enerġija, b'mod partikolari fil-Viċinat tal-UE.

19. Il-Kunsill jilqa' l-integrazzjoni effettiva tal-azzjoni dwar il-klima bħala kwistjoni ewlenija f'għadd ta' dikjarazzjonijiet bilaterali u multilaterali matul l-2020, bħall-Komunikat Konġunt reċenti tal-Laqgħa Ministerjali Informali UE-LAC. L-UE ser taħdem b'mod kollettiv biex tkompli twettaq l-azzjoni klimatika u t-tranżizzjoni enerġetika, flimkien ma' rkupru ekoloġiku mill-pandemija tal-COVID-19, bħala għan komuni fl-aġenda internazzjonali fl-2021, inkluż permezz ta' impenn multilaterali u laqgħat tal-Banek tal-Iżvilupp u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, b'mod li jiġi appoġġat eżitu ta' suċċess tal-avveniment ta' qabel il-COP26 f'Milan f'Settembru 2021, li ser iħejji t-triq għall-aktar konklużjoni ambizzjuża possibbli tal-COP 26. L-UE ser tkompli wkoll tqiegħed l-azzjoni dwar il-klima u t-tranżizzjoni enerġetika fil-quċċata tal-aġenda fl-involvement bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, billi tenfasizza il-viceinat tal-UE, u mal-produtturi u l-fornituri tal-fjuwils fossili. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għall-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni dwar il-klima u d-diplomazija dwar l-enerġija. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli ttrirrispetta, ttipromwovi u tħares l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Tissottolinja wkoll l-importanza li tissaħħaħ il-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ fil-politika u l-prattika marbuta mal-klima, l-enerġija u l-ambjent, filwaqt li tilqa' l-avveniment "YouthforClimate: driving ambition" li ser jiġi ospitat mill-Italja f'Settembru 2021.
20. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex isaħħu aktar id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-kapaċità xierqa, u biex isaħħu – flimkien mal-Istati Membri – il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, fost l-oħrajn, permezz tan-Network Diplomatiku Ekoloġiku tal-UE u l-Grupp ta' Esperti dwar id-Diplomazija dwar l-Enerġija. Fit-tnejjija għall-COP 26, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri għandhom iżidu l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u kooperazzjoni tagħhom f'approċċ ta' Tim Ewropa, u għaldaqstant jipprojetta aktar l-impenn u t-tmexxija tal-UE f'dan il-qasam. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' rendikont u rappurtar regolari fil-qasam tad-diplomazija dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li jenfasizza r-riżultati u l-inizjattivi konkreti, inkluż fil-qafas tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.
21. Il-Kunsill ser jerġa' lura għad-diplomazija dwar il-klima qabel il-COP 26.